MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1162/2007

**BITMAC (WORKS) LIMITED (C15559)**

**vs**

**AWTORITA` DWAR IT-TRASPORT TA` MALTA**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

**<u>Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza</u>**

1. Is-socjeta` attrici hija kreditrici ta` l-Awtorita` konvenuta fl-ammont ta` erbgha u erbghin elf, seba` mija u hames liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm 44,705.36) ekwivalenti ghal mija u erbat elef u mija u hamsa u tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€104,135.48) rapprezentanti

bilanc minn ammont akbar dovut mill-konvenuta lill-attrici in konnessjoni ma` xoghol imwettaq mill-istess attrici fuq inkarigu tal-konvenuta senjatament "laying of wearing course layer at Triq il-Qalbiena Mostin, Mosta", in ezekuzzjoni ta` tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT 2156/2004, RD 327/04, L/A 181/2004.

2. L-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta` l-attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta` l-istess attrici, il-konvenuta m`ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammont.

3. Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta` ittra ufficjali datata 14 ta` Marzu, 2007, hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

1. Kif diga` premess, ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta` ittra ufficjali datata 14 ta` Marzu, 2007, hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

2. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**<u>Talbiet</u>**

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta` l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` erbgha u erbghin elf, seba` mija u hames liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm 44,705.36) ekwivalenti ghal mija u erbat elef u mija u hamsa u tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€ 104,135.48) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut mill-konvenuta lill-attrici in konnessjoni ma` xoghol imwettaq mill-istess attrici fuq inkarigu tal-konvenuta senjatament "laying of wearing course layer at Triq il-Qalbiena Mostin, Mosta", in ezekuzzjoni ta` tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT 2156/2004, RD 327/04, L/A 181/2004.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 14 ta` Marzu, 2007, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta` l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta rapprezentanti ta` liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-affidavit tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura ta` l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u Procedura Cvili.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------